Nota Editorjali: Mejju 1975.

*Wasalna lejn it-tarf ta' sena akkademika mimlija ġrajjiet. Naħseb għalhekk li jkun sew li nħarsu kemm 'l ura lejn il-passat, u 'l quddiem lejn il-futur.*

*Kif bdiet is-sena, l-Għaqda kibret sew fin-numru minħabba żieda mhux tas-soltu fl-ewwel sena. L-istudenti f'dan il-kors urew ċertu interess inkoraġġanti fl-Għaqda, u r-rappreżentanti tagħhom kemm fuq il-Kumitat tal-Għaqda, kemm fuq il-Bord Editorjali, urew kemm huma kapaċi jaħdmu. Iktar tard fis-sena, l-Għaqda organizzat forum dwar ir-relazzjonijiet industrijali u ieħor dwar is-sistema avversarja. L-għażla tal-kelliema għal dawn il-panels ma setgħetx tkun aħjar; l-organizzazjoni kienet tajba; u l-udjenza, għalkemm forsi xi ftit żgħira, dejjem uriet u ġibdet interess: kien tassew inkoraġġjanti li tara studenti jbiddlu ideat ma' ħaddieħor b'mod sod u li jiftiehem. Rapport dettaljat dwar dawn il-fora jidher f'ediaajoni oħra ta' dan il-ġurnal. L-Għaqda kienet ukoll imdaħħla fl-organizzazzjoni ta' forum dwar l-abort, flimkien mal-Moviment Kattoliku Studenti Università. Il-kontribuzzjoni tagħna hemm kienet siewja u wkoll apprezzata. L-Għaqda wkoll organizzat għall-ewwel darba bibita żgħira għall-membri professjonali tal-Fakultà u għall-istudenti. Barra milli kienet lejla tassew pjaċevoli fiha nfisha, laqgħat bħal dawn igħinu biex irawmu fina l-fehma li aħna ilkoll qegħdin naħdmu flimkien, biex nagħrfu aħjar in-natura vera tad-Dritt, u għalhekk tal-Bniedem. U fl-aħħar: id-Dritt. Nixtieq hawnhekk nirringrazzja 'l ħbiebi tal-Bord Editorjali li taw tant żmien, xogħol, u nkwiet għall-ġurnal, ġie li quddiem problemi iebsin. Aħna ppruvajna nagħtu l-aħjar li stajna għax jidhrilna li l-Kultura legali tagħna hekk ħaqqha.*

*Wieħed irid igħid li dan ma hux biżżejjed. Dan li sar għen biex iġġenera interess ġdid fl-Għaqda: dak l-interess irid jiġi miżmum permezz ta' sforzi ġodda mill-membri tal-Kumitat ta' l-Għaqda u mill-istudenti kollha.*

*Fl-aħħar, l-Għaqda u l-Bord jixtiequ jirringrazzjaw lid-Dekan tal-Fakultà, il-Professur Edwin Busuttil, għall-għajnuna u nkoraġġiment siewja li huwa wera matul is-sena. Nixtieq nіżżi ħajr ukoll lis-Sinjorina Maria Cordina, segretarja tal-Fakultà, li dejjem kienet lesta li tgħaddi l-artikli bit-typewriter meta x-xogħol tagħha kien jippermettilha.*

CHARLES DEBATTISTA

## Editorial Note: May 1975.

*We are almost at the tail end of a rather eventful academic year, and it would be well, I believe, to look back and turn towards the future.*

*At the beginning of the year, the Society swelled in its ranks as a result of an unusually populous First Year. These have shown a healthy interest in the Law Society, and their representatives both on the Society Committee and on the Editorial Board have proved their mettle to all and sundry. Later on in the year, the Society organised a forum on industrial relations and another on the adversary system. The panels speaking at these fora could not have been better chosen; the organisation was good; and the audiences, though perhaps rather thin, were always interested and interesting: it was encouraging to see students exchange ideas in a firm and coherent manner. We will carry a proper report of these fora in our next issue. The Society was also involved in the organisation of a forum on abortion, together with the University Students Catholic Movement. Our contribution here was, I think, valid and appreciated. A novelty this year was the cocktail party organised by the Society for students and staff. Besides being an enjoyable evening in itself, meetings like this help in creating the sentiment that we are all working together in search of a better understanding of Law and, therefore, of Man. And finally, of course, Id-Dritt. I would like to thank all my friends on the Editorial Board for having contributed so much time, work and worry, at times in the face of acute difficulties, to the journal. We have tried to give of our best, because we think our legal culture deserves it.*

*Of course, this is not enough. All this helped in creating a newfound interest in the Society: that interest must be sustained by renewed efforts by Committee Members and the students at large.*

*Finally, the Society and the Editorial Board would like to thank the Dean of the Faculty, Prof. Edwin Busuttil, for the valuable help and encouragement which he has shown throughout the year. I would also like to thank Miss Maria Cordina, the Faculty Secretary, who has always been ready to type out scripts of articles, when she finds it possible to do so.*

CHARLES DEBATTISTA